// I L - M A L T I

QARI LI TOĦROĠ — ĠUNJU
L-AKKADEMJA TAL-MALTI — 1968

# IX-XANDIR

## RADJO u TELEVIŻJONI

*F'kull pajjiż fejn hemm ir-radjo u t-televiżjoni, jagħtu preferenza lill-ilsien nazzjonali, għax billi x-xandir irid jilħaq lill-poplu kollu, l-aħjar mezz hu l-ilsien li titkellem bih u tifhmu sewwa l-kotra. Ma jistax ikun li b'ilsien barrani wieħed jista' jifiehem u jfisser u jgħallem tajjeb dak li jixtieq igħid jew iħabbar lill-poplu kollu u għalhekk biex il-programmi ma jisfawx bla ħeġġa u bla interess, jeħtieġu jkunu mxandrin bil-lingwa nazzjonali. Fuq kollox is-servizz tax-xandir hu sussidjat mill-Gvern u mħallas mill-abbonati u għalhekk jixraq li l-mezz ta' trasmissjoni jkun b'dak l-ilsien li l-aktar hu faċli għall-kotra. Jekk ma jsirx hekk, ikun qed isir tort lis-semmiegħa.*

*Mela jixraq li fix-xandir mhux biss ma jagħtux ġenb lill-ilsien nazzjonali, iżda għandhom jagħtuh preferenza u jinqdew bih mill-iżjed li jistgħu; b'daqshekk ma rridux infissru li għandhom jirrofjtaw ilsna stranjeri. Ix-xandir b'ilsna stranjeri hu meħtieġ u hu ta' siwi għax jista' jkun mezz ta' tagħlim u fuq kollox ta' rabta bejn nazzjonijiet. B'ilsna barranin jaslulna xandiriet dwar xjenza, mużika, pittura, skultura u arti ta' xeħta barranija, ukoll f'xandiriet barranin jistgħu jidhru episodji u ġrajja li saru f'pajjiżi oħra, u hekk wieħed ikun jaf minnufih x'qiegħed isir u jiġri fl-erba' parti taddinja. Iżda b'danakollu x-xandir f'ilsna barranin ma għandux jaqla' barra l-ilsien nazzjonali u anqas ma jmissu jieħu sehem ewlieni. Dan ma għandux isir f'sens patrijottiku biss, imma għandu jsir f'sens edukattiv u progressiv għax aktar ma l-ilsien tal-poplu jintuża, aktar jiżviluppa ruħu u aktar joktor u jissaħħaħ u aktar isir adattat biex jaqdi lill-poplu f'kulma jkollu bżonn.*

*Mela hu dmir ta' dawk li għandhom is-setgħa tax-xandir li jmexxu l-ilsien nazzjonali 'l quddiem u jinqdew bih mill-aktar, u meta jinqdew bih jeħtieġilhom jaraw li jxandruh sewwa u kif imiss, mhux iżebilħuh jew iwaqqgħuh għaċ-ċajt b'ħajna kliem u espressjonijiet barranin żejda jew mhux f'lokhom. Kull meta dawk li jxandru jużaw kelma barranija f'lok kelma tal-poplu korrenti, ikunu qishom jagħtu daqqa ta' ħarta lill-ilsien tal-poplu, u wkoll ikunu qegħdin jagħmlu għajb lin-nazzjon u jinsolentaw lill-poplu. Meta dan it-tort isir spiss, allura l-poplu fl-aħħar jitlef is-sabar, u meta l-kotra titlef sabarha, ħadd ma jaf x'jista' jiġri.*